MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Rikors Numru. 390/2012

**A *sive* B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur tal-4 ta' Lulju 2012 li permezz tieghu wara li ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-30 ta' Novembru 1991u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg;

Illi frott ta' dan iz-zwieg twieldu tliet (3) ulied u cioe' Donna, Naomi u Nicole. Donna hija maggorenni filwaqt li Naomi u Nicole ghadhom minorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar minn erba' (4) snin u kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni vigenti

bejniethom datat 19 ta’ Gunju 2008, redatt fl-Atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt ta' manteniment reciproku skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali u ghalhekk l-ebda manteniment m'hu dovut;

Illi ai termini tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, r-rikorrent kien obbliga ruhu li jhallas is-somma ta' €700 kull xahar bil-quddiem, u cioe' l-ammont ta' mitejn u tlieta u tletin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€233.33) ghal kull minuri li jkunu dovut sakemm il-minuri jaghlaq l-eta' ta' tmintax-il sena (18) jew jibda jahdem full time, skond liema kundizzjoni minnhom tavvera ruhha l-ewwel. Illi stante li l-wild Donna llum hija maggorenni, r-rikorrent qieghed prezentement ihallas is-somma kumplessiva ta' erba' mija u sitta u sittin Euro u sitta u sittin centezmu (€466.66) rapprezentanti l-manteniment taz-zewg uliedu l-ohra li huma minuri u cioe' Naomi u Nicole;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li din il-Qorti

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors.

Rat illi l-konvenuta ghalkemm notifikata bir-rikors guramentat fl-20 ta' Frar 2013, baqghet ma pprezentatx risposta.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2013 il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi mhux kontradetti imressqa mill-attur jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-30 ta' Novembru 1991 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal li llum tnejn ghadhom minorennni u l-attur ihallas lill-konvenuta is-somma ta' Euros 466.66 rapprezentanti l-manteniment dovut ghal dawn iz-zewg minuri.

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Reuben Debono fid-19 ta 'Gunju 2008 u ghalhekk il-partijiet ilhom aktar minn erba snin separati.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar hlas ta' manteniment;

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-

partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------